# L-APPARIZZJONI TA' ANTONIO AZZOPARDI (NINU XKORA)

## MISTERU JEW LEĠĠENDA?

Eddie Attard

**Fid-19 ta' Ottubru 1908, Antonio Azzopardi, magħruf bħala Ninu Xkora, kien ikkundannat għall-mewt wara li nstab ħati tal-qtil tal-maħbub ta' bintu, Ġużeppi Camenzuli, delitt li sar il-Ħamrun fis-6 ta' Diċembru 1907. Ġimgħa wara l-kundanna Azzopardi kien ingħata l-forka fil-ħabs ta' Kordin u, kif kienet titlob il-liġi f'dak iż-żmien, id-dfin sar fi żmien siegħa mill-mewt.**

Qabel id-difna, saret is-soltu proċedura u Azzopardi kien eżaminat minn tliet tobba li ċċertifikaw il-mewt tiegħu. Iżda wara, xi ħadd minn dawk preżenti waqt l-eżekuzzjoni ħareġ l-informazzjoni li l-mod ta' kif sar it-tgħalliq kien iqajjem is-suspetti li l-ikkundannat seta' baqa' ħaj, u għalhekk ġie midfun meta kien għadu ħaj. Kien hemm min allega li kien membru tar-Rużarjanti preżenti waqt it-tgħalliq li ta din l-informazzjoni. Madankollu l-konfraternità kienet ċaħdet din l-allegazzjoni u l-istqarrija tar-Rużarjanti ġiet ippubblikata fil-gazzetta *Il-Malta*.

Fl-eżekuzzjoni tal-forka kien hemm ċerta proċedura li kellha tkun użata, waħda minnhom kienet dwar it-tul ta' ħabel għax dan kien ivarja skont il-piż u l-istatura tal-ikkundannat. Jista' jagħti l-każ li l-ħabel ta' inqas minn ħames piedi tul, kif intuża f'dan il-każ, ma kienx twil biżżejjed għax il-waqgħa għal taħt il-patibolu ma kinitx qawwija biżżejjed biex tikkaġuna l-mewt.

Skont dokumenti tal-ħabs, fl-eżekuzzjoni ta' Antonio Azzopardi, il-ħabel kien twil erba' piedi u għaxar pulzieri, jiġifieri l-waqgħa taħt il-patibolu kienet ta' dan it-tul. Hawn irid jingħad li fl-eżekuzzjonijiet ta' qabel dik ta' Azzopardi, kien intuża l-istess tul ta' ħabel u, f'xi okkażjonijiet oħra, it-tul kien inqas. Fl-1894 fl-eżekuzzjoni ta' Rużar Mizzi, pereżempju, it-tul tal-ħabel kien ta' erba' piedi biss. Iżda fl-eżekuzzjoni ta' wara Antonio Azzopardi, meta kienu għaddew ftit aktar minn erba' snin, f'dik ta' Giovanni Borg, it-tul tal-ħabel kien ta' sitt piedi u ħames pulzieri. Il-bojja kien l-istess wieħed, Wenzu Galea. Imbagħad fl-eżekuzzjonijiet ta' wara Giovanni Borg, il-ħabel kellu tul ta' seba' piedi u pulzier.

Azzopardi kien raġel ta' ċerta statura u saħħa u għalhekk komplew żdiedu l-ispekulazzjonijiet u tqanqlet għagħa kbira fost il-poplu. L-għagħa kompliet tikber meta l-editur tal-gazzetta *Risorgimento*, it-Tabib Pietru Pawl Agius, qajjem din il-kwistjoni fil-gazzetta tiegħu. Wara t-Tabib Agius, kompla bl-istess allegazzjoni l-editur ta' *In-Naħla*, Agostino Levanzin, u ma' dawn iż-żewġ edituri ngħaqad ukoll Dott. Ġużeppi Mizzi, l-editur tal-



Antonio Azzopardi



Il-forka

gazzetta *Malta*. Imma wara dawn l-allegazzjonijiet, it-tobba li kienu ċċertifikaw il-mewt ta' Azzopardi, jiġifieri t-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Dott. Caruana Scicluna, it-Tabib tal-Ħabs, Dott. Baldacchino, u t-Tabib Said tad-Distrett, għamlu kawża ta' libell lit-tliet edituri u l-każ kellu jinstema' quddiem ġuri.

Bit-tgħalliq tinkiser dik il-parti tal-għonq, magħrufa bħala *atlas vertebrae*, u huwa l-ksur ta' dan ir-rukkell fil-parti ta' fuq tas-sinsla tad-dahar li jikkaġuna l-mewt. Wara l-ksur ta' din il-parti, ir-ras tkun tista' tiddawwar f'angolu akbar minn qabel. Għalhekk, meta t-tobba kienu jdawru ras l-iġġustizzjat u din kienet iddur f'angolu ikbar, kienu jaslu għall-konklużjoni li l-persuna tkun mejta u dan kien biżżejjed biex jiċċertifikaw il-mewt.

Iżda waqt din il-kawża ta' libell, l-Avukat Arturo Mercieca, li ddefenda lit-Tabib Agius, ġab xhieda fejn intqal li għalkemm ir-ras iddur f'angolu ikbar min-normal, l-*atlas vertebrae* tista' ma tkunx miksura. Dwar dan kien tela' jixhed it-Tabib Ġużeppi Galizia u dan ix-xhud semma każ ta' tifla li kienet waqgħet minn ċertu għoli u minkejja li ġiet għal rasha u mietet, l-*atlas vertebrae* ma nkisritx. Ix-xhud kompla qal li minkejja li ma kienx hemm il-ksur ta' dan ir-rukkell, ras it-tifla setgħet tiddawwar ħafna aktar min-normal.

Din l-evidenza, minbarra li ħelset lill-akkużati minn xi ħtija, kompliet tkabbar id-dubju dwar l-eżekuzzjoni ta' Azzopardi. Dan kompla jżid il-għagħa li kienet saret u xi nies bdew iqisu lil Ninu Xkora bħala raġel qaddis u saħansitra saru xi santi tiegħu. Barra minn dan, xi wħud kienu bdew imorru jpoġġu t-tazzi biż-żejt fuq il-qabar tiegħu fiċ-ċimiterju tal-ħabs.

Wara din il-ġrajja nħolqot ukoll l-istorja li Ninu Xkora kien beda jidher fl-inħawi tal-ħabs. Beda jingħad li ċerta mara kienet marret tieħu ż-żejt biex tpoġġih fuq il-qabar ta' Ninu Xkora. Din irrakkuntat li meta sabet il-bieb taċ-ċimiterju magħluq kienet ċemplet il-bieb tal-ħabs u r-raġel li fetħilha kien ħadilha ż-żejt u wegħedha li kien se jpoġġih fuq il-qabar hu. Xi żmien wara, meta l-istess mara kienet reġgħet marret tpoġġi aktar żejt fuq il-qabar ta' Azzopardi, l-ebda gwardjan ma ried jieħdu minkejja l-insistenza ta' din il-mara li wieħed minnhom kien poġġa ż-żejt fejn kien mitlub. L-istorja tkompli li, peress li diġà kien hemm xi għajdut li kien qed jidher l-ispirtu ta' dan l-iġġustizzjat, il-gwardjani wrewha r-ritratt ta' Azzopardi, u din ikkonfermat li kienet tat iż-żejt lir-raġel li kien hemm fir-ritratt.

Għal ħafna snin il-ġrajja ta' Antonio Azzopardi baqgħet fuq fomm kulħadd u, bħalma jiġri dejjem, ikun hemm min jogħġbu jżidilha biċċa jew jagħtiha bixra ferm differenti. Illum għadek tisma' nies li jgħidu li Azzopardi kien ingħata l-mewt mingħajr ħtija, minkejja li dan ma kienx il-każ għax Azzopardi wettaq omiċidju quddiem diversi nies li



Il-kamra tal-forka

wara xehdu kontrih. Jista', madankollu, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-kundanna tal-mewt ma kellhiex tingħata f'dan il-każ għax kien hemm provokazzjoni mill-vittma. Tajjeb li jingħad ukoll li fid-dokumenti tal-ħabs ma hemm xejn dwar l-imsejħa apparizzjonijiet ta' Antonio Azzopardi, għalkemm kienet verità din il-ġrajja tad-dfin mgħaġġel ta' Azzopardi wieħed ma jistax jgħid b'ċertezza. Li hu żgur, madankollu, huwa l-fatt li wara dan il-każ l-awtoritajiet ħadu aktar prekawzjonijiet biex fl-eżekuzzjonijiet li kellhom isiru ma jkun hemm l-ebda kontroversji. Għalhekk, wara l-eżekuzzjoni tal-forka bdew jitqabbdu l-aħjar kirurgi tal-pajjiż biex jiċċertifikaw il-mewt tal-iġġustizzjati. Barra minn dan, id-dfin tal-ikkundannat ma baqax isir fi żmien siegħa bħalma kien isir qabel.



Iċ-ċimiterju tal-ħabs ta' Kordin